MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 258/2005

**A.**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fit-23 ta' Novembru 1990 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fil-Knisja ta Burmarrad, c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument MC 1:

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li huma X, Y u Z li twieldu fl-20 ta' April 1991, fl-20 ta' Ottubru 1992 u fit-8 ta' Gunju 1997 rispettivament, certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok MC2, MC3 u MC4 rispettivament:

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-konvenut jew minn minnhom kien ivvizzjat b'difett serju dwar il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal parti biex jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg:

Illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalita tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenut jew minn minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga:

Illi ghalhekk l-attrici qeda tipprezenta din il-kawza sabiex titlob li dan iz-zwieg iccelebrat fil-23 ta' Novembru 1990 jigi ddikkjarat null u minghajr effett ai termini ta' l-Artiklu 19 (1) (c), (d), u (f) Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Novembru 1990 u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (c), (d), u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez, filwaqt li l-konvenuta hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta ma ppresentatx nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici u ta' omissis

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Novembru, 1990 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (c), (d), u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut ma ressqetx provi u baqa' kontumaci u ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha biss il-provi mressqa mill-attrici, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhek il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi porti ikun inkiseb b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li hija u l-konvenut kienu jafu lil xulxin biss hames xhur qabel ma zzewgu u hi kellha biss tmintax-il sena. Il-konvenut mill-ewwel baqa' jghix ta' guvni u rarament kienu ntimti ghaliex kien jghaddi hafna hin barra. Meta kien ikun id-dar kien biss jara t-televizjoni. Qalet li kienu l-genituri taghha li gieghluha tizzewweg ghaliex kienet tqila. Dan ikkonfermah zijuha omissis Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti iz-zwieg huwa null a tenur tas-sub-artikoli (d) u (f) fuq imsemmija.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-23 ta' Novembru, 1990. L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------